# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 245/2017**

Il-Pulizija

(Spettur Elton Taliana)

vs

**Joseph Pace**

Iben Michael, imwieled Pieta' fis-6 ta' Settembru, 1984, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 436884(M)

Illum, 03 ta' Mejju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Joseph Pace akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli nhar it-tletin ta' Novembru tal-elfejn u ħmistax (30/11/2015) għal ħabta ta' bejn l-erbgħa neqsin kwart (03.45) u l-erbgħa ta' filgħodu (04.00) ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan:-

1. ħebb kontra Saviour Caruana, persuna li qabżet l-eta ta' sittin (60) sena u kkaġunalu ġrieħi ta' natura ħafifa

2. ġie akkużat ukoll talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'għajjat, storbju u ġlied

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' April, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-

Artikoli 17, 31, 221(1), 222A u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal piena tal-multa fis-somma komplessiva ta' mitejn euro (€200).

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-15 ta' Mejju, 2017 fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi tbiddel il-piena f'waħda skont il-liġi u tikkonfermaha fil-kumplament.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

> Illi skont l-ewwel Qorti kien evidenti u għas-sodisfazzjon tal-liġi li l-imputat veru ħebb għal **Saviour Caruana**, persuna ta' aktar minn sittin (60) sena u kkaġunalu ferita' ta' natura ħafifa iżda madankollu xorta waħda ħadet in konsiderazzjoni l-għemil xejn xieraq da parti tal-parti offiża. Illi *nonostante cio* meta l-Qorti għaddiet biex tagħti l-piena ma saret l-ebda referenza għall-artikolu 21 tal-Kap 9;
>
> Illi fid-dawl tas-suespost jingħad li ġjaladarba l-ewwel Qorti ddeċidiet li tagħti multa bħala piena skont l-artikolu 221, kemm il-darba l-imputat nstab ħati wkoll taħt l-artikolu 222A li jistipula li l-piena hekk kif misjuba taħt l-artikolu 221 għandha tiżdied bi grad jew tnejn meta l-offiża ssir fuq persuna li tkun għalqet l-eta' ta' sittin (60) allura skont l-artikolu 31(f) it-tlugħ tassattiv mill-piena tal-multa, miżjud tal-anqas bi grad, kellu jkun dak ta' tlett xhur priġunerija.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-Qorti tistqarr minnufih illi l-Avukat Generali ghandu ragun fl-appell minnu intentat billi bl-aggravanti indikata fl-akkuza ghall-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali l-piena erogata ma setatx tkun dik tal-multa, izda kellha necessarjament toghla bi grad fit-termini ta'l-artikolu 222A tal-Kodici Kriminali li *del resto* gie iccitat mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha.

Illi l-appellant gie misjub hati tar-reat tal-offiza ta' natura hafifa fuq persuna li kellha aktar minn sittin sena. Issa ghalkemm huwa minnu illi fil-motivazzjonijiet maghmula mill-Ewwel Qorti gie mehud in konsiderazzjoni l-fatt illi l-appellant kien gie ipprovokat mill-vittma, madanakollu dan ma giex meqjus imbaghad fid-*decide* bhala skuzanti ghar-reat tal-offiza fuq il-persuna li seta' iwassal ghal xi temperament fil-piena. Kif lanqas jissemmew xi cirkostanzi specjali u straordinarji mill-Ewwel Qorti li setghu wassluha sabiex tinzel fil-piena inqas mill-minimu previst bil-ligi. Fil-fatt l-Ewwel Qorti lanqas ticcita l-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali meta giet biex teroga l-piena fil-konfront tal-appellant.

Illi l-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali kien jipprevedi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat[1], il-piena ta' prigunerija li ma teccediex it-tlett xhur jew il-multa. Issa l-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni moghtija lilha bil-ligi ghazlet li timponi il-piena tal-multa fl-ammont ta' €200. Din il-piena kellha necessarjament tizdied minn grad sa tnejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 222A tal-Kodici Kriminali. Dan ma ghamlitux l-Ewwel Qorti billi z-zieda fil-piena bi grad minn multa hija dik ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tlett xhur fit-termini tal-artikolu 31(f) tal-Kodici Kriminali. Illi dan maghdud u tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz kif sewwa mistqarr mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata, kif ukoll tenut kont tal-fedina penali nadifa tal-appellant, il-Qorti sejra tghaddi biex taghti piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija bl-applikazzjoni ta' dak mahsub fil-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-Avukat Generali, tghaddi ghalhekk biex tirriforma d-decizjoni appellata bili tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda tirriforma l-piena inflitta billi wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-appellant bil-kundizzjoni ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

---

[1] Il-piena zdiedet ghal massimu ta' hames snin prigunerija permezz tal-emenda li dahhlet fis-sehh bl-Att XIII tal-2018 u regghet naqqset ghal massimu ta' sentejn prigunerija permezz tal-Att XXXII tal-2018.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur